

Brussell, 12 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8889/23

ENFOCUSTOM 51
ENFOPOL 218
COSI 78
JAI 548

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8617/23	
Suġġett:	Abbozz ta' Strateġija għall-kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE – Approvazzjoni

1. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi fil-qasam tas-sigurtà interna li seħħew f'dawn l-aħħar snin, il-Presidenza ddeċidiet li tħejji abbozz ġdid ta' Strateġija għall-kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE.
2. L-abbozz ta' Strateġija jiżviluppa l-oġettivi stabbiliti mir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE (8616/23): 1) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet doganali li jiġġieldu kontra l-kriminalità transfruntiera, 2) it-titjib fl-iskambju ta' informazzjoni (inkluż ma' awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi), 3) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transfruntiera, inkluż operazzjonijiet konġunti u 4) it-tisħiħ tal-intelligence u tal-analiżi tar-riskju u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni doganali u tal-ĠAI.

3. L-abbozz ta' Strateġija ġie diskuss fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi - Dwana (LEWP-Dwana) fl-10 ta' Jannar, fit-8 ta' Marzu u fit-12 ta' April 2023 u peress li ma wasal l-ebda kumment sostanzjali fil-konsultazzjoni bil-miktub sussegwenti, l-Istrateġija ġiet maqbula mil-LEWP-Dwana.
4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-Istrateġija tal-Kunsill għal kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE, kif tinsab fid-dokument 8617/23.
